MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Dicembru, 2008

Numru 6/2007

Il-Pulizija
(Spettur Geoffrey Azzopardi)

vs

Josef Farrugia

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta’ karta ta’ identita’ numru 168580(m), akkuzat talli b’diversi atti wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispoizzjoni tal-ligi u li gewmaghmula b’risoluzzjoni wahda:

1. f’Rahal il-Gdid fil-lejl ta’ bejn it-13 u l-14 ta’ Mejju 2002, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti ta’ hwejjeg mill-hanut ‘Yorkie Mix ‘N Match’, liema serq huwa kkwalifikat

bil-mezz, valur u bil-hin u li sar ghad-detriment ta' Raymond Calleja minn B'Kara;
2. aktar, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwjjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cjoe' hsara fil-vettrina tal-hanut imsaemmi, liema hsara teccedi l-Lm50 izda inqas minn Lm500, u dang had-dannu ta' Raymond Calleja minn B'Kara;
3. f'San Gwann fil-perjodu ta' bejn is-27 u d-29 ta' Mejju 2002, ikkommetta serq ta' diversi oggetti kosmetici mill-hanut Ambrose, liema serq huwa ikkwalifikat bil-mezz, valur u hin u li sar ghad-detriment ta' Carmel Attard Flores minn San Gwann;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cjoe' bieb ta' barra tal-hanut imsemmi, liema hsara teccedi l-Lm10 izda inqas minn Lm50, ghad-dannu ta' Carmel Attard Flores minn San Gwann;
5. fil-5 ta' Gunju u gimghat ta' qabel din id-data, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat, sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
6. finalment, sar recidiv b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati datati 23.2.1999 u 7.5. 1999 liema sentenzi saru definittivi; aktar talli kisser il-probation a tenur tal-Artikolu 5 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Maltafejn huwa kien gie misjub hati b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati datata 4.10.2000 u liberat bil-kundizzjonijiet kontemplati fl-istess artikolu.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali li permezz taghhom bghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn dina l-Qorti fin-nuqqas ta' opposizzjoni.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat irid jirrispondi ta' serq, ta' hsara volontarja, ta' ricettazzjoni, ta' recidivita' u wkoll talli ikkommetta r-reati li bihom huwa hawn akkuzat waqt perjodu ta' probation.

Illi huwa pacifiku li risultanti s-serq tigi nullifikata l-akkuza ta' ricettazzjoni stante li z-zewg reati huma ghad-eskluzjoni ta' xulxin. Fil-kawza presenti hija l-akkuza tas-serq li tirrisulta u dan mhux biss minhabba l-pussess recenti tar-refurtiva li nstabet ghand l-imputat izda wkoll li mir-rapport tal-espert tal-impronti digitali, nominat fil-kors tal-proceduri, jirrisulta qbil posittiv tal-impronti li gew elevati minn fuq il-post fejn sehh is-serq ma' l-impronti digitali tal-imputat.

Issa s-serq li bih qieghed jigi akkuzat l-imputat huma ta' zewg okkazjonijiet, senjatament dak mill-hanut 'Yorkie Mix 'N Match' ta' Rahal Gdid u dak mill-hanut 'Ambrose' ta' San Gwann u entrambi s-serqiet huma kwalifikati bil-mezz, valur u hin.

Illi jirrisulta li l-imputat gie mixli bi serq skond l-akkuza fil-kors ta' investigazzjonijiet li kienu qeghdin isiru fuq serq iehor, mhux inkluz f'dawn l-akkuzi, meta saret tficcija fid-dar fejn joqghod l-imputat u nstabu bosta oggetti li gew identifikati mill-proprjetarji tal-hwienet rispettivi konnessi ma' dawn il-proceduri. A folio 30 et seq f'dawn l-atti hemm mil-lista tal-oggetti li gew elevati mill-fond tal-imputat komplimentat b'lista ta' l-oggetti rispettivament iddikjarati misruqa mis-sidien taz-zewg hwienet.

Illi ghal dak li tikkoncerna l-akkuza tal-hsara volontarja din tirrisulta fic-cert fir-rigward l-hanut 'Yorkie Mix 'N Match'. Dak li invece ma tirrisultax hi l-ahhar akkuza dwar ir-recidiva u li r-reati odjerni gew kommessi fi zmien ta' probation stante li malgrad li gew esebiti s-sentenzi huma ma jinsabux ikkonfermati.

Ghaldaqstant, issib l-imputat hati tal-ewwel tlett akkuzi, izda mhux tal-kumplament li minnhom tilliberah. Rat l-Artikolu 261(b)(c)(f), 264, 267, 270, 278, 280, 18, 17(h), 31 tal-Kap 9 u tikkundannah tmintax il-xahar prigunerija li minnhom ghandhu jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------